MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1095/2011

**Marie Louise mart Saviour Micallef u Antoinette mart John Baldacchino**

**Vs**

**Joseph Said u ghal kull interess li jista' jkollha Josephine mart l-istess Joseph Said**

Permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Novembru 2011, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi fis-26 ta' Settembru 2006 miet Nicola Vella, missier l-esponenti u l-intimata Josephine Said, b'testment "unica charta" datat 12 ta' Lulju, 1973, atti Nutar Dottor Francis Micallef;*

*2. Illi in segwitu ghad-decess tieghu, l-armla tieghu Filomena Vella giet fl-2007 rikoverata fid-Dar ghall-Anzjani "Casa Antonia" sakemm mietet fis-26 ta' Ottubru, 2010 skond testament datat 9 ta' Ottubru, 2010, atti Nutar Myriam Spiteri Debono;*

*3. Illi "vita durante" ir-rikoveru taghha l-imsemmija Filomena Vella nnominat lill-intimat Joseph Said bhala prokuratur generali taghha;*

*4. Illi, kif ser jigi pprovat, l-intimat abbuza fl-agir tieghu minn din il-veste tieghu b'mod illegali, abbusiv u kriminuz billi dawwar ghalih flejjes u inkorra spejjes esorbitanti mill-fondi ta' l-istess Filomena Vella;*

*5. Illi wkoll l-istess intimat u martu naqsu milli jghaddulha jew jiddepozitaw fil-kont bankarju tad-defunta flejjes li huma kienu obbligati jhallsu ghax-xiri da parti taghhom tal-fond, gja' appartenenti lill-konjugi Vella, bl-isem "Springvale", Triq il-Kanizzata, Hal-Balzan, kompriz l-ghamara u l-oggettii mobile sitwati fih;*

*6. Illi interpellat biex jaghti rendikont fidil tal-prestazzjonijiet tieghu u wkoll biex irodd lura l-flejjes li approprja jew zamm lura mill-massa patrimonjali ta' l-imsemmija Filomena Vella, l-istess intimat baqa' inadempjenti, jew naqas milli joffri spjegazzjonijiet plawsibbli u genwini;*

*7. Illi dan l-agir tal-intimati arreka dannu u pregudizzju serju lill-interessi tal-esponenti, qua eredi tad-defunta u testatrici ommhom Filomena Vella.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-veste tieghu ta' prokuratur generali l-istess intimat Joseph Said abbuza mill-poteri tieghu u/jew agixxa ultra l-"vires" lilu konferit minn Filomena Vella;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati naqsu milli jikkonferixxu fil-patrimonju tal-imsemmija Filomena Vella l-flejjes li huma kienu tenuti jghaddulha ghall-akkwist da parti taghhom tal-fond "Springvale", Triq il-Kanizzata, Hal-Balzan u ghall-effetti mobile fih sitwati;*

*3. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati jirrestitwixxu fil-massa patrimonjali tad-decujus Filomena Vella l-flejjes kollha li huma zammew ghandhom, jew dawwru ghalihom u ghall-interessi personali taghhom, u dan flimkien mal-imghaxijiet legali.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta' Mejju, 2011 u tal-ittri legali tal-10 ta' Gunju, 2011, 4 ta' Lulju, 2011, 12 ta' Lulju, 2011, 12 ta' Settembru, 2011 u tas-27 ta' Settembru 2011. L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fl-20 ta' Dicembru 2011, il-konvenuti wiegbu:-

*In linja preliminari li dina t-talba ma tistax tigi proposta mir-rikorrenti hlief fil-qasam ta' divisjoni tal-proprjeta' komuni u derivant mill-wirt ta' Filomena Vella;*

*Fil-meritu li huwa qatt ma kien prokuratur generali tad-decujus Filomena Vella imma kien biss jiehu hsieb dak li din kienet tafdalu;*

*Illi kull meta Filomena Vella taghtu inkarigu huwa dejjem ta rendikont shih ta' dak li kien ghamel u gie minnha approvat u ghalhekk ma hux tenut jerga' jghati rendikont ta' dak li seta amministra u ta' liema ga ta rendikont, amministrazzjoni li ma kinitx tal-beni kollha imma ta' dak li kienet tafdalu f'idejha l-istess Filomena Tonna li kienet xorta wahda zzomm f'idejha l-gestjoni tal-beni;*

*Illi d-decujus kienet ghamlet prokuri lill-intimat kif ukoll lil xi whud mir-rikorrenti ghall-konvenjenza taghha sabiex billi ma setghetx tmur il-bank kienet tiehu hsieb tibghat lil min ikollu prokura biex jigbdilha jew jiddepozitalha flus. Illi d-decujus Filomena Vella kienet tiehu hsieb l-affarijiet taghha hu u kull ma ghamel l-intimat kien dejjem fuq inkarigu u skond decizjoni specifika taghha;*

*Illi meta l-intimat gie mitlub mir-rikorrenti jaghti rendikont huwa mill-ewwel spjega li huwa ma kienx amministratur generali tad-decujus imma biss wiehed partikolari u l-mansjoni tieghu kienet limiata ghal dawk l-affarijiet ghal-liema kien delegate. Ta' dawn l-affarijiet huwa ta' rendikont shih u fidil mhux biss lill-omm il-mara tieghu d-decujus, imma anke lir-rikorrenti meta dawn ippretendew tali rendikont u dan sabiex l-affarijiet jkunu cara;*

*Illi inoltre jekk id-decujus ghazlet li tiddisponi minn flus lilha appartenenti dan kien biss kwistjoni taghha u tant riedet hekk id-decujus li fit-testment taghha pprovdiet li esentat lill-uliedha minn kull xorta ta' imputazzjoni jew kollazzjoni ta' dak li setghu hadu tul hajjithom.*

Semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

**Kwistjoni**.

L-atturi huma, flimkien mal-konvenuta, werrieta ta' ommhom Filomena Vella li mietet fis-26 ta' Ottubru 2010[1]. Fit-12 ta' Ottubru 2006 Vella tat prokura specjali lill-konvenut (ara kopja a fol. 372), ir-ragel ta' bintha. Mandat li kien jinkludi l-awtorizazzjoni sabiex jittrasferixxi immobbli, isarraf cekkijiet, zbank ta' flus minn banek u awtoritajiet ohra, bejgh ta' investiment. B'testment li ghamlet fid-9 ta' Ottubru 2010 fl-atti tan-nutar Dr M. Spiteri Debono (fol. 133) innominat lit-tlett uliedha bhala werrieta taghha. Inoltre, halliet legat ta' €9,332 favur il-konvenut *"….. bhala kumpens ghas-sostenn u l-wens li dejjem sabet minghandu"* (fol. 134).

L-atturi qeghdin jilmentaw li l-mandatarju abbuza mill-inkarigu u approprja ghalih flus li kienu jappartjenu lil Filomena Vella.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. B'riferenza ghall-eccezzjoni preliminari, din hi ghal kollox infondata. Il-konvenut m'huwiex werriet ta' Filomena Vella. L-azzjoni proposta mill-atturi hi bazata fuq allegazzjoni ta' abbuz ta' poter fil-qadi tad-dmirijiet tieghu bhala mandatarju ta' Filomena Vella.

2. Il-prokura li kellu l-konvenut ma kenitx prokura generali. Mill-provi rrizulta li fit-12 ta' Ottubru 2006 Filomena Vella tatu prokura specjali li ghalkemm hi wiesgha ma tikkwalifikax bhala prokura generali. Ghall-qorti li hu zgur hu li Vella kien qieghed jamministra l-finanzi tal-kunjata. B'daqshekk ma jfissirx li f'kull ma ghamel kien qieghed jaghmel fattieh u li Vella ma kenitx tatih ordnijiet dwar x'ghandu jsir bi flusha. 'Il fatt li mandatarju jkun qieghed iwettaq ordni tal-mandant ma jfissirx li b'daqshekk m'ghandux obbligu li jaghti rendikont skond il-ligi.

3. Il-konvenut ma ressaqx prova li matul il-perjodu li kien mandatarju kien qieghed jaghti rendikont lil Filomena Vella, bil-mod kif tikkontempla l-ligi. Lanqas m'hemm provi li kien hemm xi ftehim li l-konvenut ma kellux jaghti rendikont. Skond l-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili:

   *"Il-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant".*

[1] Certifikat tal-mewt a fol. 4.

Madankollu mir-rikors guramentat hu evidenti li l-azzjoni tal-atturi m'hijiex ghall-ghoti ta' rendikont (ara Artikolu 389 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili) u wisq inqas biex jigi mpunjat rendikont (ara Artikolu 392 tal-Kap. 12).

4. Wiehed mill-ilmenti tal-atturi jirrelata dwar il-hlas tal-prezz tad-dar Springville, Triq il-Kanizzata, Hal Balzan li l-konvenuti xtraw minghand Filomena Vella u l-atturi. Dar li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri tal-atturi u l-konvenuta. F'konvenju li sar **fl-1 ta' Lulju 2007** (fol. 87) jinghad li l-prezz tad-dar ser ikun Lm85,000 u li Filomena Vella **"ser tircievi"** l-ammont ta' Lm46,750. Jinghad ukoll li ser tircievi Lm7,353.50 bhala sehemha mill-valur tal-mobbli li kien hemm fil-fond. Ghalhekk skond il-konvenju l-hlas li kellha tircievi Filomena Vella kien **€126,027.25**.
Il-kuntratt ta' bejgh kien pubblikat min-nutar Myriam Spiteri Debono fit-18 ta' Lulju 2007[2] fejn jinghad li:

*"L-armla qeghda tircievi l-ammont ta' tnejn u erbghin elf u hames mitt liri Maltin (Lm42,500) bhala hlas ghal nofs indiviz taghha mill-immobbli, filwaqt illi l-armla tircievi wkoll l-ammont ta' erbat elef mitejn u hamsin liri Maltin (Lm4,250) li huwa l-valur kapitalizzat ta l-uzufrutt li hija ghandha fuq in-nofs indiviz (1/2) l-iehor, igifieri l-armla tircievi total ta' sitta u erbghin elf sebgha mija u hamsin liri Maltin (Lm46,750)".*

Kellha wkoll tircievi s-somma ta' Lm7,353.50 bhala sehemha mill-bejgh tal-mobbli.

Il-konvenut xehed li ta cekk lil Filomena Vella ghas-somma ta' Lm54,000. Qal ukoll:-

*"Nikkonferma li hadd ma sarraf ic-cekk. Dan ic-cekk baqa' mhux imsarraf. Jien ghidtilha b'kollox. Filomena qaltli dak f'idejja. Kien cekk tal-HSBC. Mistoqsi x'sar mill-original, cioe mic-cekk, nghid wara certu zmien Filomena tatuli lura. Dan kien cekk ta' 54,000 liri Maltin. Kien wara tul ta' zmien sew li tatuli lura c-cekk. Meta tatuli lura qalti ghalik u ghal Josephine. Qaltli l-iktar ghal Josephine"* (fol. 326).

Hu l-konvenut li kellu l-obbligu li jipprova li l-kunjata kienet tatu lura c-cekk u qaltlu li ma reditx il-hlas. Fil-fehma tal-qorti l-verzjoni tal-konvenut ma taqbilx ma' dak li nghad fl-ittra legali datata 19 ta' Settembru 2011 (fol. 149) mibghuta ghan-nom tal-konvenut lid-difensur tal-atturi, fejn jinghad:-

*"Dwar is-sehem ta' Filomena Vella mill-bejgh tad-dar il-klijent tieghi kien hallas skond kif anke jirrizulta mill-kuntratt u x'ghamlet Filomena Vella b'dawk il-flus ma hux tenut hu jaghti rendikont taghhom la darba huwa ma amministrahomx"* (fol. 149).

[2] Prezentat b'nota tat-13 ta' Marzu 2015.

Il-qorti ma temminx il-verzjoni tal-konvenut meta tqies:-

i. Nuqqas ta' konsistenza bejn dak li xehed il-konvenut u dak li nghad fl-ittra tad-19 ta' Settembru 2011. Fl-ittra ma sar l-ebda accenn li Filomena Vella qalet lill-konvenut li tatu lura c-cekk ghaliex ma reditx il-flus. Kien biss wara li saret il-kawza li l-konvenut hareg bil-verzjoni li Vella ma reditx il-hlas. Fil-fehma tal-qorti min m'ghandux x'jahbi kien mill-ewwel jaghti spjegazzjoni ta' x'gara mill-prezz.

ii. Li l-anzjana kienet tghix gewwa d-dar tal-anzjani Casa Antonia u l-konvenut kien jamministra l-flus li kellha l-bank. Fid-data tal-bejgh il-konvenut kien diga' mandatarju taghha. Skond il-konvenut dakinhar l-anzjana nghatat cekk ghas-sehem taghha mill-prezz pattwit. Ir-raguni tghidlek li l-anzjana ma kenitx ser izzomm ic-cekk ghandha imma pjuttost tatih lill-konvenut sabiex il-flus jigu depozitati l-bank, gialadarba l-konvenut kien qieghed jiehu hsieb il-finanzi taghha.

iii. Il-konvenuta xehedet: *"Il-mummy mill-ewwel ma riditux ic-cekk. Ghamliltli sinjal qiesha qed tpoggi idejha l-isfel biex turini li ma riditux"* (fol. 332). Wiehed jista' jargumenta li din kienet raguni li tiggustifika li Vella zzomm ic-cekk ghandha. Madankollu jekk din il-verita, fuq bazi ta' probabilita' fil-granet ta' wara kienet taghti lura c-cekk lill-konvenut u tghidlu li ma reditx il-hlas. Pero' l-konvenut xehed li: *"Kien* ***wara tul ta' zmien sew*** *li tatuli lura c-cekk"* (fol. 326). Verzjonijiet li jikkontrastaw ma' xuxlin.

iv. Fil-kuntratt jinghad li l-attrici thallset sehemha mill-prezz. Din hi prova li riedet il-flus. Ma tezisti l-ebda prova dokumentarja li l-attrici ma reditx il-hlas. Jekk kif ighid il-konvenut l-attrici ma riditx il-flus, kien fl-interess tal-konvenuti li jiehdu hsieb li ssir xi haga bil-miktub biex ikollhom x'juru ladarba tigi nieqsa l-attrici.

Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma tawx prova sodisfacenti li Filomena Vella kienet tat lura c-cekk lill-konvenut ghaliex ma reditx il-hlas. Hu veru li fuq il-kuntratt Said deher fl-interess personali tieghu. Pero' dak iz-zmien kien mandatarju ta' Filomena Vella. Il-qorti ma emmnitx il-verzjoni li taw il-konvenuti. Tqies li t-tezi tal-atturi hi iktar kredibbli. Il-konvenut kellu d-dmir li jiddepozita c-cekk f'wiehed mill-kontijiet bankarji ta' Filomena Vella. Fatt li ma sehhx u ghalhekk naqas mid-dmir tieghu bhala fiducjarju taghha.

5. Issemmiet ukoll is-somma ta' Lm13,000. Jirrizulta li fil-11 ta' Gunju 2007 Filomena Vella ffirmat cekk numru 1 (fol. 418) ghas-somma ta' Lm13,000 u fuqu hemm isem il-konvenut. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed li dan kien ammont ta' flus li l-anzjana taghtu bhala hlas *"….. ta' kull ma kont qed*

*naghmel maghha. Jien kont ghidtilha ghalfejn imma hi baqghet tinsisti li jien ghandi nehodhom ghax dawk huma taghha"* (fol. 582). Fl-ittra legali tad-19 ta' Settembru 2011 jinghad: *"Dwar it-tlettax il-elf lira dan kien pagament li Filomena Vella ghazlet li taghmel lill-klijent tieghi ghall-hafna xoghol ta' konteggi u komputazzjonijiet li kienet talbitu jaghmel"* (fol. 149).

F'dan ir-rigward hemm biss il-kelma tal-konvenut. Jirrizulta li:-

i. Fit-2 ta' Lulju 2007 Filomena Vella ghamlet testment fejn halliet legat ta' Lm4,000 lill-konvenut *"….. ghas-sostenn u wens li dejjem sabet minghandu"*.
ii. Il-prokura specjali nghatat fit-12 ta' Ottubru 2006, igifieri disa' xhur biss qabel il-hrug tal-imsemmi cekk. Il-konvenut qatt ma spjega x'kienu l-konteggi u komputazzjonijiet kollha li Filomena Vella talbitu jaghmel.

Jibqa' 'l fatt pero li Filomena Vella ffirmat cekk favur il-konvenut ghas-somma ta' Lm13,000. Ghalkemm wiehed jista' gustament jiddubita kemm dak il-hlas inghata *"….. ghall-hafna xoghol ta' konteggi u komputazzjonijiet"* (kliem il-konvenut), li qatt ma gew spjegati fhix kienu jikkonsistu, ghalkemm jista' jkun relatati mal-qasma tal-investimenti u depoziti bankarji li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Filomena Vella u zewgha, jibqa' 'l fatt li Filomena Vella tat dan il-hlas lill-konvenut. Jirrizulta wkoll li fis-6 ta' Gunju 2007 giet depozitata somma ta' Lm13,000 fil-kont tal-HSBC numru 016-036030-001 ta' Filomena Vella, l-istess kont minn fejn harget is-somma ta' Lm13,000 fit-12 ta' Gunju 2007. Il-qorti hi tal-fehma li min kien in *mala fede* u ser jabbuza mill-fiducja li nghata mill-mandant, ma kienx ser joqghod jiddepozita l-flus fil-kont bankarju tal-mandanti biex 6 ijiem wara jerga' johroghom u jzommhom ghalih. Inoltre 'l fatt li Vella ffirmat ic-cekk favur Joseph Said sinjal li kellha l-pjacir li tatih dawk il-flus u ma tarax li ghandha toqghod tissindika d-diskrezzjoni tad-decujus. Lanqas m'hemm xi indikazzjoni li f'dak iz-zmien Vella setghet tat xi direttiva ohra lil Said x'kellu jaghmel bis-somma ta' Lm13,000. Meqjus ukoll li s-somma hi gholja meta paragunata mac-cekkijiet ohra li d-decujus kienet qeghda tohrog f'isem il-konvenut, fuq bazi ta' probabilta c-cekk ma kienx intiz biex ikopri l-ispejjez li l-konvenut kien ihallas fl-interess tal-mandanti.

6. Kwistjoni ohra tirrelata dwar spejjez li l-konvenuti ighidu li ntefqu meta nkarigaw persuna sabiex tipprepara l-ikel ghall-familja taghhom. Skond id-dokument imhejji mill-konvenut b'kollox thallset is-somma ta' €12,202.24 (fol. 53) matul is-snin **2007 sa Ottubru 2010**. Il-konvenut xehed: *"Nikkonferma li marti kienet ghamlet zmien mhux ftit tbati bid-depression u ghadha sal-lum taht il-kura. Inzid ukoll li marti kienet issibha ta' wens li tmur fejn ommha u tqatta' l-hin hemmhekk. Imma l-kwantita ta' hin li kienet qed tqatta' hemmhekk kien qed johloq problema d-dar fis-sens li marti ma kienx qed ikollha cans biex taghmel l-affarijiet tad-dar bhat-tisjir.* ***Kien ghalhekk li kont sibt mara biex tigi d-dar ghandna biex issajrilna u ta' dan jien kont inhallasha. Lill-ommha kienet qaltilha marti li ma setghtex***

***tibqa' ghaddejja b'dawk il-hinijiet twal hekk u tittraskura x-xogholijiet tad-dar. Ommha wegbitha, qaltilha tinkwetax. Ibqghu giebu l-koka u jien inkun qed inhallasha minn flusi***".

Li rrizulta mill-provi hu li minn zmien ghal zmien Filomena Vella kienet qeghda tohorg cekkijiet f'isem il-konvenut (fol. 419-457). Jidher li l-hlas ta' dawn l-ispejjez kien qieghed isir mill-flus li kienet qeghda taghti Vella lill-konvenut. Cekkijiet li kienu jinhargu regolarment. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta kienet tqatta hinijiet twal hdejn ommha u temmen li kienu ta' wens ghal xulxin. Hu evidenti li c-cekkijiet kienu jinhargu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-spejjez. Min-naha ta' Filomena Vella l-ispejjez taghha kienu principalment ghar-residenza taghha gewwa Casa Antonia. Ghalkemm anzjana m'hemmx provi li Vella kienet f'kundizzjoni li setghetx tifhem x'qeghda taghmel meta ffirmat dawk ic-cekkijiet kollha fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2007 u l-14 ta' Ottubru 2010. Il-qorti tifhem ukoll li kienet taf xi spiza kien hemm biex tkun tista' tghix gewwa Casa Antonia. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ma tarax bhala remota l-ispjegazzjoni li taw il-konvenuti.

7. Ilment iehor tal-atturi hu li fiz-zmien tal-mewt ta' Nicola Vella, ir-ragel ta' Filomena Vella, kellha f'isimha kapital ta' €375,227 depozitati fil-banek u f'investiment lokali. Wara li mietet, il-konvenutipprezenta statement fejn iddikjara li l-bilanc kien ta' €281,936.09, cjoe' diskrepanza ta' €93,291 (ara paragrafu 1 tan-nota li pprezentaw l-atturi fil-25 ta' Novembru 2011 wara d-digriet tat-13 ta' Novembru 2011[3]). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li c-cifra ta' €375,227 m'hijiex rilevanti in vista li Filomena Vella u wliedha fil-25 ta' Frara 2007 ghamlu kuntrat li bih qasmu d-depoziti bankarji u *government stock*.

Fir-realta' fid-dokument li hejja l-konvenut Said, jinghad li fit-28 ta' Frar 2011 il-flus fil-kontijiet bankarji u investiment f'*Malta Government Stocks* kienu ta' **€293,936.09** (fol. 100). L-atturi jsostnu li skond ezercizzju li sar min-nutar Ian Castaldi Paris, kienet irrizultat diskrepanza ta' **€124,682.06**. L-atturi qalu li m'huwiex maghruf x'sar mill-imghax fuq id-depoziti bankarji. Il-qorti tosserva:

i. In-nutar Castaldi Paris m'ghamel ebda ezercizzju. Fil-fatt xehed li kienet is-segretarja tieghu li ghamlet il-konteggi (ara affidavit a fol. 107). Persuna li ma tressqitx bhala xhud;

ii. B'kuntratt tal-25 ta' Frar 2007 pubblikat min-nutar Dr Myriam Spiteri Debono (fol. 375), Filomena Vella kienet qasmet mat-tlett uliedha d-depoziti bankarji u investimenti lokali li kienu parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kellha ma' zewgha Nicola. Il-kontijiet bankarji li gew assenjati lilha huma dawk elenkati f'pagna 19 sa 21 tal-imsemmi kuntratt. B'kollox l-ammont dikjarat kien ta' **€203,348.94**. Ghalhekk

[3] F'dak id-digriet il-qorti ordnat lill-atturi sabiex "*.... Jaghtu dettalji dwar l-ammonti ta' flus li qeghdin jallegaw li l-konvenut dawwar ghalih innifsu*" (fol. 95).

m'huwix rilevanti 'l fatt li semmew l-atturi li: *"[….] fil-mewt ta' zewgha Nicola Vella s-superstiti martu kellha f'isimha l-ammont kapitali ta' Ewro 375,227"* (fol. 98). Il-punt tat-tluq hu x'gie assenjat lilha meta fil-25 ta' Frar 2007 saret il-qasma (fol. 375).

iii. Skond ir-rendikont li pprezentaw l-atturi (fol. 110) taht il-kolonna **Now** hemm ic-cifra ta' €335,222.26. Cifra li tirrelata ghall-flus f'kontijiet bankarji. Hu evidenti li l-atturi bbazaw il-kalkoli taghhom fuq din ic-cifra biex jaslu ghal konkluzjoni li fir-rigward tal-kontijiet hemm *shortfall* ta' €90,054.08[4]. Il-qorti ma taqbilx gialadarba fiha hemm inkluz bilanci f'depoziti bankarji li bil-kuntratt tal-25 ta' Frar 2007 gew assenjati lill-atturi u lill-konvenuta. Dan apparti li r-riferenza ghas-somma ta' €425,276.34 taht il-kolonna **Then (Euro)** m'hijiex flokha ghaliex bil-kuntratt tal-25 ta' Frar 2007 saret il-qasma bejn Filomena Vella u wliedha. Sabiex l-atturi jaslu ghal shortfall l-esercizzju qatt ma kellu jsir minn segretarja f'ufficcju ta' nutar li hu evidenti li ma ghamlitx analizi tal-fatti tal-kaz. Il-qorti zgur li ma tistax tistrieh fuq dawn il-kalkoli li mad-daqqa ta' ghajn jidhru li m'humiex korretti u taccetta li hemm shortfall ta' **€124,682 (fol. 104)**. Sahansitra jirrizulta wkoll li fir-rigward ta' dividends l-awtur lanqas ma kienet taf x'rata ta' taxxa tapplika.

iv. Skond rendikont li ghamel il-konvenut, fl-ahhar ta' Frar 2011 fil-kontijiet bankarji f'isem Filomena Vella kien hemm depozitat is-somma ta' **€141,807.10** (fol. 113). Ghaldaqstant l-izbilanc kien ta' **€61,541.94[5] mis-somma inizjali**.

Mill-atti jirrizulta li f'Jannar 2011 Filomena Vella kellha kontijiet bankarji ma':

(a) APS Bank Limited – 7 term deposit account u zewg savings account, b'total ta' €80,926.48 (fol. 124)[6];
(b) Bank of Valletta plc – zewg kontijiet b'total ta' €2,230.67 (fol. 126);
(c) Lombard – zewg term deposit accounts u kont savings (fol. 127), total ta' €42,473.70 (fol. 127);
(d) HSBC Bank Malta plc – kont wiehed b'total ta' €12,520.81 (fol. 128-129);

Total ta' **€138,151.66**, cjoe' zbilanc ta' **€65,197.28**.

4 Cifra li waslu ghaliha billi tnaqqsu €425,276.34 mis-somma ta' €335,222.26.
5 Rajna li bil-kuntratt ta' divizjoni tal-25 ta' Frar 2007 gew assenjati lil Filomena Vella kontijiet bankarji li fihom kien hemm depozitata s-somma ta' €203,348.94 (Lm87,297.68).
6 F'dan il-bank hemm kontijiet bankarji f'munita sterlina. Fil-25 ta' Jannar 2011 ir-rata ta' kambju kienet 1 Ewro = 0.8561 sterlina.

Il-qorti tinnota li m'huwiex car x'kien qieghed isir mill-imghax li kienu qeghdin jiggeneraw xi kontijiet bankarji f'isem Filomena Vella u wkoll dawk f'isem uliedha li fuqhom kellha d-dritt ghall-imghax (ara kuntratt tal-25 ta' Frar 2007). L-ispjegazzjonijiet ghandu jatihom il-konvenut. Li hu zgur hu li minn zmien ghal zmien kienu qeghdin jinhargu cekkijiet minn xi banek ghall-imghax u Filomena Vella kienet tiffirmahom. Hu l-konvenut li ghandu obbligu jiddikjara d-dhul li kien hemm bhala imghax. Min-naha l-ohra jidher li fir-rigward ta' xi kontijiet bankarji l-imghaxijiet kienu qeghdin jigu depozitati f'kontijiet ohra (ara per ezempju rendikont ta' savings account mal-Lombard Bank Malta plc fol. 329-343).

v. Skond ir-rendikont li pprezenta l-konvenut, it-total ta' nfieq fil-perjodu bejn 2007 sakemm mietet Vella kien ta' **€91,928.64** (fol. 56). Minn din is-somma kien hemm l-ispiza ta' €70,824.67 li thallset lil Casa Antonia, fejn kienet tirrisjedi Filomena Vella matul il-perjodu bejn Frar 2007 u Ottubru 2010.

vi. Ghal dak li jikkoncerna l-investiment fi stokk tal-Gvern, bejn il-mewt ta' Nicholas Vella (26 ta' Settembru 2006) sal-mewt ta' Filomena Vella (26 ta' Ottubru 2010), thallas *dividend* ta' **€70,769.38** (ara fol. 108 u 109). Hekk jinghad fir-rendikont li pprezentaw l-atturi. Cifra li l-konvenut ma kkontestax. Mir-rendikont tal-HSBC tal-kont numru: 016 036030 001 jidher li dividend tal-ishma registrati f'isem Filomena Vella kien qieghed jithallas f'dan il-kont. F'dan ir-rigward l-atturi stess qalu fin-nota li pprezentaw fil-25 ta' Novembru 2011 li kien jidher li d-dividend gie depozitat fil-kont tal-HSBC. Dwar l-ishma registrati f'isem l-atturi u l-konvenuta, m'huwiex car jekk id-dividend kenitx qeghda tircevih Filomena Vella u fl-affermattiv x'sar minnu. Ghal dak li jikkoncerna dhul mill-pensjoni, jirrizulta li din kienet qeghda tigi depozitata fil-kont tal-HSBC numru 016-036030-001. Filomena Vella kellha zewg pensjonijiet. Pensjoni minghand is-sigurta socjali u ohra tal-British Pension Office. Minn statement of account tal-bank jidher li d-dhul kien ta' cirka **€38,352,** matul il-perjodu minn Gunju 2007 sa Settembru 2010. Ghalhekk minn dawn l-ammonti jidher li kellha bizzejjed dhul biex tkopri l-ispejjez elenkati mill-konvenut fid-dokument C a fol. 53.

vii. L-atturi ma hadux in konsiderazzjoni t-taxxa li setghet thallset lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fir-rigward tad-dividend u wkoll dhul mill-pensjoni. F'dokument li ehmez mal-affidavit u ntestat *Explanation of shortfall in assets as calculated by Notary Castaldi Paris* (fol. 276), il-konvenut iddikjara li ghas-sena stima 2008, 2009 u 2010 thallset is-somma ta' €818.

Hu evidenti li l-atturi qeghdin jippretendu li l-qorti tillikwida somma flus li ghandha tinghata lura mill-konvenuti lill-wirt ta' Filomena Vella minhabba li hemm flus li baqghu *unaccounted for*. Fil-fehma tal-qorti l-ewwel pass ghandu jkun li l-konvenut jaghti rendikont skond il-ligi. Fir-rikors guramentat l-atturi stess ippremettew li sejhu lill-konvenut sabiex jaghti rendikont u baqa' inadempjenti. Hekk ukoll f'ittra legali datata 12 ta' Lulju 2011 l-atturi qalu lill-konvenut:

*"5) Jekk trid li l-klijenti tieghi jkunu konvinti mill-amministrazzjoni korretta tieghek int ghandek tibda biex tipprovdi rendikont dettaljat fejn il-punt tat-tluq tkun is-somma ta' kapitali li l-istess Filomena Vella kellha filwaqt tal-mewt ta' zewgha u kif flusha gew eventwalment amministrati minnek matul is-snin. Mod iehor, ma tlumhomx illi ma jaccettawx fl-ghama d-dokumenti sottomessi minnek, u jkollhom ghalfejn jissuspettaw illi certi flejjes gew trafugati b'dannu ghall-interessi legittimi taghhom"* (fol. 146).

Rendikont li ghandu jkun fih taghrif dettaljat dwar id-dhul u l-infieq fil-perjodu li l-konvenut kien mandatarju tal-attrici (Artikolu 390 tal-Kap. 12) u jkun akkumpanjat minn dokumenti. Hu evidenti li s'issa l-konvenut ghadu m'ghamilx dan u anzi jippretendi li r-rendikont kien inghata lil Filomena Vella. Allegazzjoni li baqghet ma gietx ippruvata. Pero' din il-kawza ma saritx sabiex fi zmien li tiffissa l-qorti, il-konvenut jigi kkundannat jaghti rendikont tal-operat tieghu bhala mandatarju. M'huwiex bizzejjed li l-konvenut jipprezenta dokumenti. Fejn imbaghad jibqa' ma jinghatax ir-rendikont il-ligi tipprovdi ghal rimedju (Artikolu 394 tal-Kap. 12). Jekk ir-rendikont jinghata u lil min ghandu jinghata ma jaqbilx mieghu, jista' jimpunjah (Artikolu 392 tal-Kap. 12). L-atturi ma jistghux jippretendu li l-qorti toqghod tanalizza il-volum kbir ta' dokumenti li gew prezentati minn ufficjali tal-banek lokali biex tipprova tiddetermina x'sar mid-dhul li kellha Vella. L-ispjegazzjoni ghandu jatiha l-konvenut f'rendikont li jkun konformi mal-ligi, u dan peress li hu kien qieghed jamministra l-investimenti u l-kontijiet bankarji ta' Filomena Vella. F'dan ir-rigward il-konvenut ghandu hafna x'jispjega. Hekk per ezempju:-

(a) jidher li fil-11 ta' Lulju 2007 kien infetah kont savings mal-Lombard Bank f'isem Filomena Vella bin-numru 1440512653[7]. Jirrizulta li fil-perjodu bejn it-3 ta' Ottubru 2007 sal-20 ta' Ottubru 2010 mill-imsemmi kont il-konvenut ghamel cash withdrawals fl-ammont ta' **€12,722.44** (ara Dok. CB1 a fol. 507 u dokumenti Ca sa Cm a fol. 544-552[8]). Zgur li l-konvenut ma jistax ighid li dawn kienu flus biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez elenkati minnu fid-dokument intestat Filomena Vella Receipts and payments, peress li l-ispejjez

[7] Ara statement of account a fol. 328-343.
[8] Id-dokumenti tal-withdrawals huma kollha ffirmati mill-konvenut.

li jissemmew f'dak id-dokument thallsu kollha minn flus li kienu depozitati fil-kont savings tal-HSBC Bank Malta plc. Hemm ukoll *bill payable* mahrug mill-istess bank favur Filomena Vella ghas-somma ta' €10,482 fit-22 ta' Ottubru 2010, cjoe' erbat ijiem qabel il-mewt taghha (Dok. Bh a fol. 542), kif ukoll iehor datat 17 ta' Gunju 2008 ghas-somma ta' €1,863.50 favur il-konvenuta (Dok. Bg a fol. 540).

(b) Fid-dokument a fol. 276 li pprezenta l-konvenut biex jipprova jiggustifika n-nuqqasijiet li hemm fid-dokument li ghamlet is-segretarja tan-nutar Castaldi Paris, hemm is-somma ta' **€13,420** li l-konvenut stess iddeskriva bhala ***'unexplained amount'***. Pero' l-ispjegazzjoni hu jrid itiha ladarba kien jamministra l-finanzi ta' Filomena Vella. Jekk m'ghandux spjegazzjoni jrid jassumi r-responsabbilta.

(c) Fid-dokumenta a fol. 276 il-konvenut semma spejjez tan-nutar meta saret il-qasma. Ipprezenta wkoll kopja ta' bank draft mahruf favur in-nutar Myriam Spiteri Debono ghas-somma ta' €4,500 datat 9 ta' Lulju 2007 (fol. 278). Pero' mid-dokumenti li pprezentat ir-rapprezentant tal-Lombard irrizulta bl-iktar mod car li l-hlas ma sarx minn wiehed mill-kontijiet bankarji li gew assenjati lil Filomena Vella meta saret il-qasma fil-25 ta' Lulju 2007 (ara Dokument M a fol. 313).

(d) Hemm ukoll hrug ta' flus minn kontijiet bankarji li Vella kellha ma' APS Bank (ara Dok. DG a fol. 498). Mid-dokumenti DG17 (fol. 478) sa Dok. DG35 (fol. 497) jirrizulta li l-izbanki saru kollha mill-konvenut, b'total ta' **€12,903.23**. Hawn ukoll l-ispjegazzjoni trid tinghata mill-konvenut.

(e) Jirrizulta li fis-26 ta' Jannar 2010 inhareg favur Filomena Vella cekk fl-ammont ta' **€8,644.19**. Il-qorti m'ghandhiex dubju li kien il-konvenut li ha hsieb li jinhareg ic-cekk. Ghalfejn inhareg dan ic-cekk u x'sar bih ?

**Fic-cirkostanzi f'dan l-istadju l-qorti ser tkun qeghda tiddeciedi biss dwar ir-rikavat mid-dar Springville, Triq il-Kanizzata, Balzan, kif ukoll dwar spejjez relatati ma' tisjir ta' ikel u cekk iffirmat ta' €30,281.85** .

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari.**
2. **Tilqa' l-eccezzjoni li Joseph Said ma kellux prokura generali ta' Filomena Vella. Madankollu kellu prokura specjali.**
3. **Tichad l-eccezzjoni li Joseph Said ta rendikont lil Filomena Vella. Inoltre tiddikjara li 'l fatt li ma kienx prokuratur generali xorta ghandu obbligu li jaghti rendikont skond il-ligi tad-dhul u nfieq li kien hemm fil-patrimonju ta' Filomena Vella gialadarba mill-provi rrizulta li kien jamministra l-kontijiet bankarji u investimenti u wkoll l-infieq.**
4. **Tilqa' l-ewwel talba limitatament ghal dak li jirrigwarda l-fond Springville, Triq il-Kanizzata, Balzan fis-sens li l-konvenut bhala**

**mandatarju ta' Filomena Vella naqas milli jpoggi fil-patrimonju taghha sehemha mill-prezz tal-bejgh tal-imsemmi fond. B'dan in-nuqqas il-konvenut gie li kiser l-obbligi fiducjarji fil-konfront ta' Filomena Vella.**

5. **Tilqa' t-tieni talba wkoll fil-konfront tal-konvenuta gialadarba l-qorti hi tal-fehma li kienet komplici ma' zewgha.**
6. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ipoggu lura fil-wirt ta' Filomena Vella s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf u sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€126,027.25), bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh sad-data li jsir il-hlas.**
7. **Tichad l-ewwel u tielet talba in kwantu dawn jirreferu ghall-ilmenti relatati mal-hlas ta' €30,281.85 li Filomena Vella ghamlet b'cekk HSBC Bank Malta plc bin-numru 1 datat 11 ta' Gunju 2007 lill-konvenut (fol. 418) u s-somma ta' €12,202.24 li tirreferi ghall-spejjez relatati ma preparament ta' ikel.**
8. **Dwar il-kumplament tal-operat tal-konvenut bhala mandatarju ta' Filomena Vella, ghalissa mhux ser tiddeciedi. Ghalhekk a skans ta' ekwivoku tiddikjara li t-talbiet numru 1 u 3 gew biss parzjalment decizi. Il-qorti qeghda tiffissa terminu sal-15 ta' Gunju 2015 sabiex jekk iridu l-atturi jipprocedu skond il-ligi ghall-ghoti ta' rendikont. Jekk sa dakinhar ma jiehdux passi gudizzjarja tinghata decizjoni finali.**

**Spejjez s'issa jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenuti u 15% a karigu tal-atturi in vista ta' dak li nghad f'paragrafu sebgha (7) tal-parti dispozittiva tas-sentenza**.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------